MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 717/2006

**Carmel Gatt (ID No. 543859M), Joseph Gatt (ID No. 219258(M), Miriam Gatt (ID No. 41061M), Paul Gatt (ID No. 505064M), Alexandra mart Joseph Mark Caruana (ID No. 377866M), William Gatt (ID No. 370968M), u Speranza Gatt (ID No. 678531M), ghan-nom u fl-interess ta' binha nterdett Philip Gatt in forza ta' Digriet moghti mill-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili**

**vs**

**Ignatius Debono, Alfred Debono, Moses Debono, Joseph Debono u Theodora Micallef**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrenti ssottomettew:

1. Illi l-atturi huma proprjetarji tal-porzjon diviza ta’ art fabbrikabbli maghrufa bhala Ta’ Hal-Mula f’Haz-Zebbug ta’ kejl superficjali ta’ cirka tmien mija u tmien metri kwadri (808mk) li tikkonfina mit-tramuntana ma’ Triq is-Sindku P. Vella, lvant ma’ Triq Dun Salv Ciappara u nofsinhar ma’ Triq Dun Salv Trevisan jew irjieh verjuri.

2. Illi l-konvenuti, jew min minnhom, huma proprjetarji tal-plot biswit dik tal-atturi li llum hija zviluppata u fuqha nbnew il-fond maghruf bl-isem Debonair, Triq is-Sindku P. Vella, Zebbug, u 9, Casa Debono, Triq Dun Salv Trevisan, Zebbug.

3. Illi ricentement, u aktar precizament f’nofs ix-xahar ta’ Gunju 2006, l-atturi saru jafu illi l-konvenuti, jew min minnhom, approprjaw u uzurpaw illegalment u abbuzivament parti mill-porzjon diviza tal-art proprjeta’ tal-atturi, billi dawru parti mill-imsemmija plot fejn tmiss ma’ Triq Dun Salv Trevisan, bil-*pellets* u holqu struttura tal-injam.

4. Illi ghalhekk il-konvenuti uzurpaw parti mill-porzjon art proprjeta’ tal-atturi; u

5. Illi dan jikkostitwixxi spoll klandestin u vjolenti tad-drittijiet tal-atturi; u

6. Illi ghalkemm interpellati sabiex inehhu l-istruttura u l-*pellets* minn fuq l-art proprjeta’ tal-atturi, l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom ikkommettew spoll klandestin u vjolenti ghad-danni tal-atturi, u dan billi dawru parti mill-porzjon art diviza proprjeta’ tal-atturi bil-*pellets* u holqu struttura tal-injam u

konsegwentement uzurpaw parti mill-art proprjeta' tal-atturi.

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jirriprestinaw dik il-parti tal-art proprjeta' tal-atturi li giet uzurpata minnhom ghall-istat originali taghha, u dan billi jitnehhew il-*pellets* u l-istruttura tal-injam.

3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-istess atturi jaghmlu dawn ix-xoghlijiet rimedjali okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra nterpellatorja datata 3 ta' Lulju 2006, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta tal-intimat Alfred Debono** a fol. 9 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici in kwantu huma diretti kontra l-esponent, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante illi l-esponent ma approprja ruhu u ma uzurpa llegalment jew abbuzivament xejn u ma dawwarx b'*pellets* xort'ohra u lanqas holoq struttura bl-injam fil-parti tal-propjeta' tar-rikorrenti;

2. Illi ghalhekk l-esponent ma kkommetta ebda spoll klandestin u vjolenti ghad-dannu tal-atturi.

3. Salvi eccezzjonijiet/kontestazzjoni ohra.

Rat ir-**risposta tal-intimati Ignatius Debono, Moses Debono, Joseph Debono u Theodora Micallef** a fol. 11 tal-process fejn eccepew:

1. Illi l-mertu ta' din il-kawza huwa llum ezawrit in kwantu l-*pellets* tnehhew minnufih hekk kif l-esponenti rcevew l-ittra nterpellatorja fit-3 ta' Lulju 2006. Illum ghalhekk fadal biss kwistjoni dwar il-kap ta' l-ispejjez.

2. Illi bla pregudizzju:-

(a) L-atturi ma kellhomx pussess materjali tal-art in kwistjoni. L-art ilha zmien twil abbandunata u zdingata bl-iskart li jintefa' min-nies.

(b) F'kull kaz l-imsemmija *pellets* tqieghdu fil-bidu ta' Jannar 2006.

(c) L-esponenti jichdu li dawn tqieghdu sabiex juzurpaw xi parti mill-propjeta' tal-atturi jew li nbniet xi struttura. Il-*pellets* kienu tqieghdu weqfin filliera biex ma jintremiex iktar skart u mbarazz mal-hajt tal-appogg tad-dar tal-esponent Moses Debono (9), Triq Dun Salv Trevisan, Zebbug). Fil-fatt sal-lum l-iktar parti nadifa ta' l-art huwa proprju fejn kien hemm dawn il-*pellets*,

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi fir-risposta ta' l-intimati a fol 11 gie dikjarat li l-mertu ta' din il-kawza huwa llum ezawrit in kwantu l-*pellets* tnehhew minnufih hekk kif l-esponenti rcevew l-ittra nterpellatorja fit-3 ta' Lulju 2006 u ghalhekk illum fadal biss kwistjoni dwar il-kap ta' l-ispejjez.

Minhabba f'hekk instemghu xi provi. Carmel Gatt, l-attur xehed li hu m'ghandu ebda kwistjoni ma Alfred Debono u dan kien qallu li ma kellu x'jaqsam xejn ma dina l-art u li ma kienx rah ipoggi *pellets*.

L-intimat Moses Debono xehed li l-*pellets* tpoggew fil-bidu tas-sena 2006 f'Jannar minnu, minn Ignatius Debono u huh Joe Debono. Kienu nehhewhom qabel harkuhom. Kompla jghid pero' **li meta rcevejna c-citazzjoni**

**nehhejnihom. Ahna konna gejna mharrka mbaghad nehhejna l-*pellets*. Ahna nehhejna l-pellets f'Gujnu. (ara Fol 26).**

Ignatius Debono xehed li l-pelletts tpoggew f'Jannar 2006 biex ma jintefax izjed zibel hemmhekk. Meta imbaghad ircevew l-ittra interpellatorja huma nehhew il-pelletts. Meta ircevew l-ittra marru ghand Dr.Ellul u dak kien fl-Lulju.

Illi skond ix-xhieda ta' Moses Debono meta huma rcevew **c-citazzjoni** nehhew il-pelletts. Meta kienu gew **imharrka** nehhew il-pellets. Mhemmx qbil bejn l-intimati meta tnehhew il-pelletts jekk hux f'Gunju jew Lulju. Skond Ignatius Debono meta huma gew interpellati huma kienu marru ghand Dr. Ellul li kien qallhom biex inehhew il-*pelletts* minnufih. Kien Dr. Ellul li pprezenta l-eccezzjonijiet ta' l-intimati fil-kawza u ma jirrizultax li Dr. Ellul kien gie konsultat qabel biex iwiegeb xi ittra intepellatorja. Gie imqabbad biss biex jirrispondi l-kawza.

Ghalhekk l-ispejjez tal-kawza ghandhom jehluhom l-intimati mentri l-ispejjez ta' Alfred Debono huma a karigu tar-rikorrenti stante li dawn kienu gew infurmati minn qabel minn Alfred Debono li ma kellu x'jaqsam xejn.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tiddikjara li fir-rigward tat-talbiet attrici l-mertu huwa ezawrit;
L-ispejjez jithallsu mill-intimati hlief ta' Alfred Debono li jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------